# Niftakru...



Il-Funeral ta' Żużu Callus

F'**Joseph Callus** (Żużu ta' Vitor), li miet fil-15 ta' Jannar 2019, fl-età ta' 82 sena. Huwa kien persuna li ta' ħinu u saħħtu biex ta' kull sena San Pawl ikollu festa kif jixraqlu.

Żużu kien għamel xi żmien jaħdem fl-Arabja Sawdija u wara li ġie lura Malta kien għamel perjodu jaħdem fl-ajruport ta' Malta u wara għamel żmien twil jaħdem ma' kumpanija li kienet tbigħ it-te tal-pakketti f'Malta. Meta kien għadu żagħżugħ huwa kien ukoll jilgħab il-futbol tant li kien jagħmel parti mit-tim Safi WCY lejn l-aħħar tas-snin ħamsin.

Huwa għamel snin twal jagħti sehmu fil-każin tal-Banda San Pawl kif ukoll fil-ħdim tal-piroteknika. Żużu kien President tal-Każin San Pawl mill-1965 sal-1977 u qatta' parti sostanzjali minn ħajtu jaħdem in-nar għall-festa tar-raħal. Huwa kien kabbar in-namra tiegħu għall-piroteknika wara li oħtu żżewġet lil Leli Camilleri, iż-Żanżoff, Gudjan li wkoll għamel snin twal jaħdem il-logħob tan-nar, kemm tal-ajru u wkoll tal-art.



Żużu Callus fis-snin 70

Magħruf fost sħabu dilettanti tan-nar bħala 'l-Foreman', Żużu jibqa' żgur magħruf għas-sett ta' tnax-il murtal tal-beraq pront li kien jikkonsisti minn fetħa waħda sa murtal ta' tnax-il fetħa, liema sett kien mar tajjeb ħafna u baqa' jissemma sal-lum.

Mindu fetaħ il-post tan-nar li hemm illum, huwa kien iqatta' parti sostanzjali minn kull ġurnata jaħdem in-nar peress li kien ikollu s-sehem tiegħu fil-ħarqa ta' lejlet il-festa. Żużu baqa' jiffrekwenta l-post tan-nar sakemm saħħtu kienet għadha ttih. Fl-aħħar snin, peress li minħabba l-kundizzjoni ta' saħħtu ma baqax joħroġ mid-dar, xorta waħda kien isegwi l-ħruq tan-nar tal-ajru minn gallarija li għandu fuq in-naħa ta' wara tad-dar fejn kien jgħix u li tiġi faċċata tal-għelieqi minn fejn isir il-ħruq tan-nar kull sena.

Dejjem bi tbissima fuq wiċċu, Żużu, li miet ftit ġimgħat biss wara l-mewt ta' martu, kien raġel ġentlom u kellu devozzjoni kbira lejn San Pawl. Kienet ukoll l-hena tiegħu jgħaddi xi ħin fuq xi bank fil-pjazza tar-raħal jirrakkonta stejjer mill-passat.

Grazzi, Żuż, ta' dak kollu li għamilt biex sena wara l-oħra seta' jkollna ħarqa nar kif jixraq lill-festa tagħna u għall-ħidma tiegħek fil-każin tal-Banda San Pawl.




Christen Cachia

Fi **Christen Cachia**, li miet traġikament fl-aħjar żmien ta' ħajtu f'inċident tat-traffiku fl-4 ta' Mejju 2019, fl-età ta' 31 sena, waqt li kien qed isuq taxi f'San Pawl il-Baħar. Huwa kien iħobb ħafna lil Ħal Safi u lill-patrun tar-raħal Missierna San Pawl.

Huwa għamel diversi snin attiv bħala membru fil-każin tal-Banda San Pawl, fl-armar għall-festa ta' San Pawl u anki fix-xogħol tal-piroteknika.

Christen, li kien missier ta' tifla, Martina ta' tliet snin, kien għamel ftit aktar minn sena jmexxi l-kamra tan-nar ta' Ħal Safi bħala licensee u kien jaħdem kemm in-nar tal-arju u wkoll dak tal-art.

Kien ukoll jgħin fl-armar tal-festa.



Nenu Zahra

F'**Karmenu Zahra,** magħruf bħala Nenu ta' Rożi, li miet fid-29 ta' Marzu 2019, fl-età ta' 72 sena. Minn ċkunitu kellu rabta mill-qrib mal-knisja, ma' San Pawl u mal-Każin Banda San Pawl.

Fi ċkunitu kien iservi ta' abbati u kienet l-hena tiegħu jdoqq il-qniepen tal-knisja fil-kampnar.

Meta kiber għamel żmien jgħin fil-ħdim tan-nar għall-festa u anki kien jagħti daqqa t'id fil-ħruq, u aktar tard sar wieħed mir-reffiegħa l-aktar akkaniti tal-istatwa ta' San Pawl. Baqa' jieħu sehem fil-purċissjoni ta' San Pawl sas-sena li għaddiet, iżda fl-aħħar snin kien jieħu forċina. Imma l-vara ma ħallieha qatt.

Nenu Zahra kien ipprofessat fil-fratellanzi tar-Rużarju u. tas-Sagrament f'Ħal Safi u wkoll f'dik Tal-Karmnu fiż-Żurrieq peress li kien devot kbir ukoll tal-Madonna tal-Karmnu. Kien jieħu sehem f'kull purċissjoni bħala fratell u jilbes skont il-festi rispettivi.

Huwa għamel żmien twil fil-Kumitat Ċentrali tal-Każin Banda San Pawl Safi, u anke serva bħala delegat tal-banda. Barra minn hekk ta sehem fix-xogħol li sar meta twaqqa' l-każin l-antik u nbena dak ġdid.

Kellu mħabba kbira lejn San Pawl tant li qabel daħal l-isptar, fejn ħalla dan il-wied ta'dmugħ, mar sellem għall-aħħar darba lill-istatwa ta' San Pawl fin-niċċa u m'hemmx dubju li issa qed igawdih fis-sema.

Bil-mewt tiegħu żgur li Ħal Safi tilef persuna dħulija, ċajtiera, b'valuri sodi u li kienet taf tmur tajjeb ma' kulħadd.

**L-imħabba taf tistabar u tħenn;**
**l-imħabba mhijiex għajjura, ma**
**tintefaħx biha nfisha,**
**ma titkabbarx fuq l-oħrajn;**
**ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma**
**tfittixx dak li hu tagħha,**
**xejn ma tinkorla;**
**ma żżommx f'qalbha għad-deni,**
**ma tifraħx bl-inġustizzja,**
**imma tifraħ bil-verità;**
**kollox tagħder, kollox temmen,**
**kollox tittama, kollox tissaporti.**
**L-imħabba ma tintemm qatt.**
**[1Kor:13:4-12]**

